KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fis-16 ta' April 2015 [1]

Kawża C-222/14

Konstantinos Maïstrellis
vs
Ypourgos Dikaiosynis, Diafaneias kai Anthropinon Dikaiomaton

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (ir-Repubblika Ellenika)]

"Politika soċjali — Direttiva 96/34/KE — Ftehim qafas dwar il-leave parentali — Dritt tal-imħallfin irġiel għal-leave parentali — Għoti ta' leave parentali lil missier li jaħdem fil-każ li l-omm ma taħdimx — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol"

I – **Introduzzjoni**

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 96/34/KE [2], li timplementa l-Ftehim qafas dwar il-leave parentali.

2. Il-kwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda fatti li seħħew fis-snin 2010 u 2011, hija dwar l-intitolament ta' mħallfin għal-leave parentali. Skont id-dritt Grieg, dawn tal-aħħar ma kinux intitolati għal-leave parentali fil-każ li l-konjuġi tagħhom kienet fi stat ta' saħħa li jippermettilha tieħu ħsieb il-wild u ma kinitx impjegata jew teżerċita xi professjoni.

3. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk din il-limitazzjoni tal-leave parentali tistax tiġi kkonċiljata mad-Direttiva dwar il-leave parentali u jekk jistax jingħad li hemm diskriminazzjoni illegali bbażata fuq is-sess fis-sens tad-Direttiva 2006/54/KE [3].

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — **Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE, tat-3 ta' Ġunju 1996, dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri [leave parentali] konkluż mill-UNICE, CEEP u ta' ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285), fil-verżjoni tagħha kif tirriżulta mid-Direttiva tal-Kunsill 97/75/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 263, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-leave parentali"). Id-Direttiva dwar il-leave parentali thassret b'effett mit-8 ta' Marzu 2012 bis-saħħa tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, tat-8 ta' Marzu 2010, li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri [leave parentali] konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE; skont l-Artikolu 3 tagħha, id-Direttiva 2010/18 kellha tiġi ttrasposta sat-8 ta' Marzu 2012. Peress li l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali seħħew fis-snin 2010 u 2011, għall-finijiet ta' din il-kawża ser tintuża d-Direttiva dwar il-leave parentali u mhux id-Direttiva 2010/18. Barra minn hekk, din tal-aħħar ma tinkludi ebda emendi sinjifikattivi fir-rigward tal-kwistjoni mqajma permezz ta' dan it-talba għal deċiżjoni preliminari.**

3 — Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament").

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. Il-kuntest tad-dritt tal-Unjoni huwa kkostitwit, minn naħa, mid-Direttiva dwar il-leave parentali u, min-naħa l-oħra, mid-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament.

1. Id-Direttiva dwar il-leave parentali

5. Id-Direttiva dwar il-leave parentali timplementa l-Ftehim qafas dwar il-leave parentali li kien konkluż fl-14 ta' Diċembru 1995 bejn l-imsieħba soċjali Ewropej - l-Unjoni tal-Konfederazzjonijiet tal-Industrija u ta' min iħaddem fl-Ewropa (UNICE), iċ-Ċentru Ewropew tal-Intrapriżi Pubbliċi (CEEP) u l-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC) – u li jinsab fl-Anness ta' din id-direttiva.

6. Il-Ftehim qafas dwar il-leave parentali għandu jippermetti lill-irġiel u lin-nisa jirrikonċiljaw l-obbligi professjonali u tal-familja tagħhom [4].

7. Il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas ("L-Iskop u l-kamp tal-applikazzjoni") tipprovdi:

"1. Dan il-ftehim jistabilixxi ħtiġiet minimi intiżi biex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbilitajiet professjonali u tal-familja għall-ġenituri li jaħdmu.

2. Dan il-ftehim japplika għall-ħaddiema kollha, rgiel u nisa, li għandhom kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' xogħol kif definit mill-liġi, ftehim kollettiv jew prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru."

8. Il-klawżola 2 tal-Ftehim qafas ("Il-Leave tal-ġenituri") tipprovdi:

"1. Dan il-ftehim jagħti, b'riżerva tal-klawsola 2.2, lill-ħaddiema irġiel u dawk nisa, id-dritt individwali għall-leave tal-ġenituri [leave parentali] għar-raġuni tat-twelid jew ta' l-adozzjoni biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-wild, għall-anqas għal tlett xhur, sa' l-età li tista' tkun ta' tmien snin li għandha tiġi definita mill-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali.

2. Biex jippromwovu opportunitajiet u trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, il-partijiet għal dan il-ftehim jikkunsidraw li d-dritt għall-leave tal-ġenituri previst taħt il-klawsola 2.1 għandu, in prinċipju, jingħata fuq bażi non-trasferibbli.

3. Il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-leave tal-ġenituri għandhom ikunu definiti mill-liġi u /jew bi ftehim kollettiv fl-Istati Membri, sakemm il-ħtiġiet minimi ta' dan il-ftehim ikunu mħarsa. L-Istati Membri u /jew l-imsieħba soċjali jistgħu, in partikulari:

(a) jiddeċiedu jekk il-leave tal-ġenituri jingħatax fuq bażi ta' full-time jew part-time [...];

(b) jissoġġettaw il-kwalifikazzjoni għall-leave tal-ġenituri għal perijodu ta' xogħol u /jew ta' anzjanità fix-xogħol li ma jistax ikun iktar minn sena;

(ċ) […]

4 — Ara l-punt 4 tal-"Konsiderazzjonijiet Ġenerali" tal-Ftehim qafas.

(d) jiffissaw perjodi ta' avviż li għandhom jingħataw mill-ħaddiem lil min ikun qed iħaddmu meta jeżerċita d-dritt tal-leave tal-ġenituri, fejn jispeċifika il-bidu u tmiem tal-perijodu tal-leave;

(e) jiddefinixxi iċ-ċirkostanzi li fihom min iħaddem, [...] ikollu l-permess li jipposponi l-benefiċċju tal-leave tal-ġenituri għall-raġunijiet ġustifikati li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjoni ta' l-impriża [...];

(f) [...]"

2. Id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament

9. Fil-premessa 11 tagħha, id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament tindika dan li ġej:

"L-Istati Membri [...] għandhom ikomplu jindirizzaw il-problema tad-differenzi fil-pagi ibbażati fuq is-sess li għandhom jippersistu u s-segregazzjoni ċara bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol b'mezzi bħal ma huma arranġamenti għal ħinijiet tax-xogħol flessibbli, li jippermettu sew lill-irġiel u sew lin-nisa li jikkombinaw ir-responsabiltajiet tal-familja u tax-xogħol b'aktar suċċess. Dan jista' jinkludi arranġamenti xierqa għal leave tal-ġenituri [leave parentali] li jista' jittieħed minn kwalunkwe ġenitur [...]."

10. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

[...]

(b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga;

[...]"

11. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'diskriminazzjoni diretta': fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi trattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli;

[...]"

12. L-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu izommu jew jadottaw mizuri fis-sens ta' l-Artikolu 141(4) tat-Trattat bil-ħsieb li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol."

13. L-Artikolu 14 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

[…]

(ċ) Impjieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, inlużi sensji, kif ukoll paga [...];

[...]"

14. L-Artikolu 28 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għad-dispozizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa, partikolarment fir-rigward tat-tqala u l-maternità.

2. Din id-Direttiva għandha tkun bla preġudizzju għad-dispozizzjonijiet tad-Direttiva 96/34/KE u d-Direttiva 92/85/KEE."

B – *Id-dritt nazzjonali*

15. Skont id-dritt Grieg – fil-verżjoni tiegħu applikabbli fiż-żmien rilevanti għall-fatti fil-kawża prinċipali – mħallef mara tqila kienet intitolata tieħu leave qabel u wara li twelled, inkonformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-uffiċjali fis-servizz pubbliku tal-Istat. Barra minn hekk, fuq talba tagħha, hija kienet tingħata leave mħallas ta' disa' xhur sabiex tieħu ħsieb il-wild.

16. Skont il-ġurisprudenza nazzjonali, minkejja li l-formulazzjoni tal-leġiżlazzjoni hija speċifika għan-nisa, l-imħallfin irġiel, meta jsiru missier, setgħu bħala prinċipju jkunu intitolati wkoll għal-leave parentali.

17. Madankollu, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tal-Liġi dwar l-uffiċjali pubbliċi[5], li fiż-żmien rilevanti[6] kien applikabbli minħabba l-assenza ta' regola speċifika għall-imħallfin irġiel[7], jinkludi l-limitazzjoni segwenti:

"Meta l-mara ta' uffiċjal pubbliku ma taħdimx jew ma teżerċita ebda professjoni, żewġha ma huwiex intitolat għall-benefiċċji previsti fil-paragrafu 2 [fosthom l-għoti ta' leave parentali mħallas sabiex jieħu ħsieb il-wild], sakemm il-mara [...] minħabba mard serju jew diżabbiltà ma tkunx tista' taqdi l-bżonnijiet relatati mat-trobbija tal-wild."

III – **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

18. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa mħallef Grieg. F'Diċembru 2010 huwa talab leave mħallas sabiex ikun jista' jieħu ħsieb il-wild tiegħu li twieled fl-24 ta' Ottubru 2010.

5 — Liġi Nru 3528/2007 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali fl-amministrazzjoni ċivili u tal-uffiċjali f'pożizzjonijiet ġuridiċi taħt id-dritt pubbliku.

6 — Fis-sena 2012, kienet adottata regola speċifika fir-rigward tal-imħallfin li l-kontenut tagħha jikkorrispondi għal dak tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) u li għadha applikabbli. Madankollu, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tal-Liġi dwar l-uffiċjali pubbliċi tħassar fir-rigward ta' uffiċjali – wara li nfetħet proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Ellenika – permezz tal-Liġi Nru 4210/2013, tal-21 ta' Novembru 2013 (ara l-punti 6 sa 9 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tar-Repubblika Ellenika).

7 — – Ara l-punt 7 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

19. Filwaqt li bbażat ruħha fuq it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tal-Liġi dwar l-uffiċjali pubbliċi, l-awtorità kompetenti ċaħdet din it-talba fis-sena 2011 minħabba li l-mara tar-rikorrent ma kinitx taħdem u minħabba li għalhekk ir-rikorrent ma kienx intitolat għal leave sabiex jieħu ħsieb il-wild.

20. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni ta' ċaħda quddiem is-Symvoulio tis Epikrateias (Kunsill tal-Istat). Fil-fehma tas-Symvoulio tis Epikrateias, ir-rikorrent jista' jingħata l-leave li qiegħed jitlob fil-każ biss li jitqies li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tal-Liġi dwar l-uffiċjali pubbliċi ma huwiex kompatibbli mad-Direttivi 96/34 u 2006/54.

21. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Symvoulio tis Epikrateias iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel din id-domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 96/34 u 2006/54, sa fejn huma applikabbli fil-kawża prinċipali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali, bħad-dispożizzjoni inkwistjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tal-Liġi 3528/2007, li jipprovdu li jekk il-mara ta' uffiċjal pubbliku ma taħdimx jew ma teżerċita ebda professjoni, żewġha ma għandux dritt għal-leave parentali, sakemm, minħabba mard serju jew diżabbiltà, hija titqies li ma hijiex kapaċi tissodisfa l-bżonnijiet relatati mat-trobbija ta' wild?"

22. Fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern tar-Repubblika Ellenika, mill-Kummissjoni Ewropea u mir-rikorrent fil-kawża prinċipali.

IV – **Analiżi**

23. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva dwar il-leave parentali u d-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li mħallef raġel ma huwiex intitolat għal-leave parentali meta l-mara tiegħu ma tkunx taħdem [8], sakemm din ma tkunx tista' taqdi l-bżonnijiet relatati mat-trobbija tal-wild minħabba raġunijiet ta' saħħa.

A – *Interpretazzjoni u ammissibbiltà tad-domanda preliminari*

24. Huwa minnu li fid-domanda preliminari ma jsirx riferiment għal *imħallfin* iżda pjuttost għal *uffiċjali*. Madankollu, peress li r-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa mħallef u mhux uffiċjal, sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata risposta utli d-domanda preliminari għandha tiġi interpretata bħala li qiegħda tirreferi għal imħallef.

25. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli. B'mod partikolari, l-oġġezzjoni [9] mqajma mir-rikorrent fil-kawża prinċipali fis-sens li l-Artikolu 53 tal-Liġi dwar l-uffiċjali pubbliċi ma kienx applikabbli għall-każ tiegħu, ma tistax isservi ta' bażi għall-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

8 — It-tieni alternattiva prevista fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jiġifieri li l-mara "ma teżerċita ebda professjoni", ser titqies, għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, bħala inkluża fil-kontenut tal-ewwel alternattiva, jiġifieri li "ma taħdimx".

9 — Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma qajjimx eċċezzjoni espliċita ta' inammissibbiltà.

26. Huwa minnu li l-Artikolu 267 TFUE jirrikjedi li, sabiex id-domanda preliminari tkun ammissibbli, id-deċiżjoni preliminari għandha tkun meħtieġa għall-għoti ta' deċiżjoni fil-kawża prinċipali. Madankollu, fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura meħtieġa għall-għoti ta' deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju tgawdi minn prerogattiva evalwattiva li, bħala regola ġenerali, ma tiġix mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm ma jkunx hemm żball manifest [10].

27. Tali żbalji ma jistgħux jiġu identifikati fl-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari sa fejn tispjega fid-dettall għaliex qiegħda tikkunsidra li d-dispożizzjoni inkwistjoni tad-dritt dwar l-uffiċjali pubbliċi tapplika għall-imħallfin. Għaldaqstant, id-domanda preliminari ma hijiex ipotetika iżda hija marbuta mat-tilwima fil-kawża prinċipali.

B – *Fuq id-Direttiva dwar il-leave parentali*

28. Il-qorti tar-rinviju tixtieq l-ewwel nett tkun taf jekk id-Direttiva dwar il-leave parentali tippermettix li mħallef li l-mara tiegħu ma taħdimx u li l-istat tas-saħħa tagħha jippermettilha li tieħu ħsieb il-wild jiġi mċaħħad mil-leave parentali.

1. Applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-leave parentali għall-imħallfin Griegi

29. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-leave parentali ma huwiex limitat għal relazzjonijiet ta' xogħol irregolati mid-dritt privat. Id-Direttiva hija fil-fatt applikabbli wkoll għas-servizz pubbliku. Il-Qorti tal-Ġustizzja, b'riferiment għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li fuqu hija bbażata din id-direttiva, iddikjarat dan b'mod ċar fir-rigward tal-uffiċjali fil-kuntest tal-kunċett ta' ħaddiema fis-sens tal-punt 2 tal-klawżola 1 tal-Ftehim qafas [11].

30. Għaldaqstant, din id-direttiva għandha tapplika wkoll għall-imħallfin. Fid-Direttiva dwar il-leave parentali, bħal fil-każ tal-uffiċjali, ma hemm ebda indikazzjoni li tippermetti l-esklużjoni ġenerali tal-imħallfin mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-leave parentali. Ladarba, kif ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod espliċitu fis-sentenza Chatzi [12], l-uffiċjali Griegi huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-leave uffiċjali, dan għandu jgħodd ukoll għall-imħallfin Griegi li fir-rigward tal-intitolament tagħhom għal-leave parentali jiġu applikati b'mod analogu dispożizzjonijiet tad-dritt dwar is-servizz pubbliku.

31. Lanqas in-natura legali partikolari tal-professjoni ta' mħallef, li hija kkaratterizzata mill-ħatra tal-imħallef għal ħajtu kollha u mill-indipendenza tal-imħallef fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, ma tostakola l-inklużjoni tal-imħallfin fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-leave parentali. Fil-fatt, fil-kuntest tal-kwistjoni tal-leave parentali, ma huwiex evidenti kif min-natura speċifika ta' din il-professjoni jistgħu jinstiltu karatteristiċi speċifiċi li jistgħu jiġġustifikaw li l-imħallfin jiġu ttrattati b'mod differenti mill-uffiċjali u mill-ħaddiema l-oħra.

10 — F'dan ir-rigward ara s-sentenzi Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 54) u Quelle AG vs Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände (C-404/06, EU:C:2008:231, punti 19 *et seq.*), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Airport Shuttle Express (C-162/12 u, EU:C:2013:617, punti 18 *et seq.*).

11 — Ara s-sentenza Chatzi (C-149/10, EU:C:2010:534, punti 27 sa 30) kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi f'dik il-kawża (EU:C:2010:407, punti 20 u 21 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

12 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11.

32. Anki jekk wieħed iqis, bħalma ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza O'Brien fil-kuntest tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time [13], li l-leġiżlatur nazzjonali għandu jingħata marġni ta' diskrezzjoni wiesa' [14] fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk l-imħallfin humiex koperti mid-Direttiva dwar il-leave parentali u, fl-affermattiv, sa fejn huma hekk koperti, huwa xorta waħda meħtieġ, għal finijiet ta' traspożizzjoni tad-Direttiva li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni, li l-imħallfin ma jkunux is-suġġett ta' "esklużjoni arbitrarja [...] mill-benefiċċju tal-protezzjoni offruta mid-Direttiva [...] u [mill]-Ftehim Qafas. Esklużjoni tal-benefiċċju ta' din il-protezzjoni tista' tiġi aċċettata biss jekk ir-relazzjoni [...] [li tikkaraterizza l-professjoni tal-imħallef] [tkun], min-natura tagħha stess, sostanzjalment differenti minn dik li torbot lill-impjegati li, skont id-dritt nazzjonali, jaqgħu taħt il-kategorija ta' ħaddiema, mal-persuni li jimpjegawhom" [15]. Tali karatteristiċi partikolari inerenti għan-natura tal-professjoni ta' mħallef ma jistgħux jiġu identifikati fir-rigward tal-imħallfin irġiel Griegi u tal-intitolament tagħhom għal-leave parentali, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li fiż-żmien rilevanti għall-finijiet tad-deċiżjoni fil-kawża prinċipali kienet tiġi applikata b'mod analogu l-Liġi Griega dwar l-uffiċjali pubbliċi u fid-dawl tal-fatt li għalhekk in-natura komparabbli tas-sitwazzjonijiet kienet evidenti anki għad-dritt nazzjonali.

2. Intitolament għal-leave parentali taħt il-Ftehim qafas anness mad-Direttiva dwar il-leave parentali

33. Il-Gvern tar-Repubblika Ellenika, filwaqt li jibbaża ruħu fuq il-formulazzjoni tal-punt 1 tal-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, li huwa intiż li jiffaċilita l-ħajja professjonali u tal-familja għall-"ġenituri li jaħdmu", qiegħed jargumenta li skont l-istruttura ġenerali tad-Direttiva dwar il-leave parentali, iż-żewġ ġenituri għandhom ikunu jaħdmu sabiex ikun jista' fil-fatt ikun hemm intitolament għal-leave parentali. Fil-każ li wieħed biss mill-ġenituri jkun jaħdem, dan il-gvern iqajjem dubju dwar kemm tkun involuta l-kwistjoni tar-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja tal-familja u dwar kemm ikun ikkonċernat l-għan tad-Direttiva dwar il-leave parentali.

34. Madankollu, il-formulazzjoni tad-Direttiva ma għandhiex tiġi neċessarjament interpretata b'dan il-mod.

35. Huwa minnu li d-Direttiva, fil-punt 1 tal-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, tirreferi għal "ġenituri" fil-plural u mhux għal *ġenitur wieħed* minnhom li jaħdem. Madankollu, fil-punt 1 tal-klawżola 2 tal-Ftehim qafas isir riferiment għall-"ħaddiema irġiel u dawk nisa", li jikkostitwixxi riferiment iżolat għal kull ġenitur u li minnu ma tirriżulta ebda indikazzjoni ta' jekk il-persuni kkonċernati jkunux miżżewġa flimkien jew le.

36. Barra minn hekk, l-approċċ meħud mill-Gvern Elleniku jikkontrasta wkoll ma' raġunament teleoloġiku u sistematiku, b'mod partikolari peress li l-Artikolu 53 tal-Liġi Griega dwar l-uffiċjali pubbliċi jista' jiġi interpretat ukoll fis-sens li l-intitolament għal-leave parentali ta' wieħed jew waħda mill-*miżżewġin* ikun jiddependi mill-pożizzjoni professjonali tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-kwalità ta' *ġenitur* tagħhom.

13 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punti 41 *et seq.*), li kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/23/KE, tas-7 ta' April 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 278).

14 — Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża O'Brien osservajt li l-kunċett ta' ħaddiem fid-Direttiva dwar il-leave parentali għandu jiġi ddeterminat b'mod awtonomu fid-dritt tal-Unjoni fid-dawl tal-importanza partikolari tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament filwaqt li, fil-kuntest tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time, il-leġiżlatur nazzjonali jgawdi minn marġni ta' diskrezzjoni (konklużjonijiet fil-kawża O'Brien, C-393/10, EU:C:2011:746, punti 25 *et seq.*).

15 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 51).

37. Minn naħa, dan jinsab f'kontradizzjoni mal-punt 1 tal-klawżola 2 tal-Ftehim qafas, li jipprovdi li kull ġenitur għandu "dritt individwali għall-leave tal-ġenituri [leave parentali]"[16]. Skont il-punt 2 tal-klawżola 2 tal-Ftehim qafas, bħala prinċipju dan id-dritt ma huwiex trasferibbli, punt dan li jenfasizza n-natura ferm personali ta' dan id-dritt[17], liema natura ma tkunx imħarsa jekk l-eżistenza tad-dritt tkun tiddependi mis-sitwazzjoni professjonali tal-konjuġi jew tal-ġenitur l-ieħor.

38. Min-naħa l-oħra, il-Ftehim qafas huwa intiż li jagħti opportunitajiet indaqs lill-ġenituri sabiex jassumu responsabbiltajiet tal-familja u b'mod partikolari li jinkoraġġixxi lill-irġiel jeżerċitaw id-dritt għal-leave parentali[18]. Għaldaqstant, iż-żewġ ġenituri, iżda b'mod partikolari l-irġiel ukoll, għandu jkollhom il-possibbiltà li jikkontribwixxu għat-trobbija ta' wliedhom mingħajr ma jsofru żvantaġġi fil-professjoni tagħhom u mingħajr ma jkollhom għalfejn jabbandunaw l-attività professjonali tagħhom.

39. Din l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-leave parentali tista' tiġi bbażata fuq is-sentenza Chatzi. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-intitolament għal-leave parentali ma huwiex dritt tal-ulied iżda dritt tal-ġenituri[19]. Għaldaqstant, id-Direttiva dwar il-leave parentali għandha qabel kollox titqies mill-perspettiva tal-ġenituri u mhux mill-perspettiva tal-ulied. Għaldaqstant, f'dan il-kuntest ma hijiex determinanti l-kwistjoni ta' jekk mingħajr il-leave parentali tkunx żgurata t-trobbija tal-ulied. Id-Direttiva hija pjuttost intiża li toffri lil kull ġenitur il-possibbiltà li jiddeċiedi huwa jew hija stess jekk – irrispettivament mill-pożizzjoni professjonali tiegħu jew tagħha – jixtieqx jew tixtieqx tipparteċipa fir-responsabbiltajiet tal-familja billi jieħu jew tieħu ħsieb il-wild[20]. B'dan il-mod, b'mod partikolari fir-rigward tal-missier, jista' jkun hemm bidla fis-separazzjoni tradizzjonali tar-rwoli. Jekk il-missier jiġi mċaħħad mid-dritt għal-leave parentali meta l-mara tiegħu ma tkunx taħdem, dan iwassal pjuttost għal tisħiħ tas-separazzjoni tradizzjonali tar-rwoli bejn l-irġiel u n-nisa[21], li jmur ukoll kontra l-għan li tiġi inkoraġġuta l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja tax-xogħol[22] u li jiġi ffaċilitat ir-"ritorn għall-ħajja tax-xogħol"[23].

40. Barra minn hekk, l-oriġini tad-dispożizzjoni inkwistjoni jikkonferma li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien qiegħed jikkunsidra li kull ġenitur kellu jkun individwalment intitolat għad-dritt għal-leave parentali.

41. Sa mill-bidu tas-snin 1980, il-Kummissjoni kienet diġà qiegħda tikkunsidra li tressaq proposta inizjali għal direttiva tal-Kunsill dwar il-leave parentali u dwar il-leave għal raġunijiet tal-familja[24], proposta iżda li ma kinitx ġiet adottata. Lanqas l-abbozz irrevedut propost fis-sena 1984[25] ma kiseb biżżejjed appoġġ. Madankollu, dawn il-proposti mhux aċċettati huma xorta waħda ta' interess storiku legali u teleoloġiku. B'hekk, fl-Artikolu 4 tagħha, il-proposta tal-24 ta' Novembru 1983 kienet tipprovdi espliċitament li l-leave parentali kellu jingħata sabiex wieħed mill-ġenituri jkun jista' jibqa' d-dar sabiex jieħu ħsieb it-trobbija tal-wild "waħdu jew b'mod prinċipali". Il-proposta rreveduta tal-1984 inkludiet, fl-Artikolu 4(2) tagħha, li l-leave parentali ma setax jingħata "fl-istess ħin liż-żewġ ġenituri". Tali restrizzjonijiet ma humiex inklużi fil-Ftehim qafas rilevanti għal din il-kawża. Madankollu, dan il-ftehim qafas lanqas ma jipprojbixxi espliċitament lill-Istati Membri milli jirregolaw l-intitolament għal-leave parentali ta' żewġ ġenituri li jaħdmu b'tali mod li ma jkunux jistgħu jużaw

16 — Sentenza Chatzi (C-149/10, EU:C:2010:534, punt 33).

17 — Fid-Direttiva 2010/18 ġie kkjarifikat, fil-punt 2 tal-klawżola 2 tal-verżjoni rreveduta tal-Ftehim qafas dwar il-leave parentali, li minn tal-inqas xahar mil-leave parentali għandu jitqies li ma huwiex trasferibbli.

18 — Ara l-punt 8 tal-"Konsiderazzjonijiet Ġenerali" tal-Ftehim qafas dwar il-leave parentali.

19 — Sentenza Chatzi (C-149/10 (EU:C:2010:534, punt 34).

20 — Ara l-punt 5 tal-"Konsiderazzjonijiet Ġenerali" tal-Ftehim qafas dwar il-leave parentali.

21 — Ara, fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187), is-sentenza Roca Álvarez (C-104/09, EU:C:2010:561, punt 34).

22 — Ara l-punti 4 u 7 tal-"Konsiderazzjonijiet Ġenerali" tal-Ftehim qafas u l-ewwel punt tal-Preambolu tal-Ftehim qafas.

23 — Ara l-punt 5 tal-"Konsiderazzjonijiet Ġenerali" tal-Ftehim qafas.

24 — COMM(83) 686 finali.

25 — COMM(84) 631 finali.

il-leave parentali totali tagħhom fl-istess ħin. Ma huwiex meħtieġ li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' jekk id-Direttiva dwar il-leave parentali tipprekludix dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali f'dan is-sens peress li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tal-Liġi Griega dwar l-uffiċjali pubbliċi ma jindirizzax l-allokazzjoni temporali ta' żewġ intitolamenti għal-leave parentali ta' żewġ ġenituri li jaħdmu, iżda jwassal sabiex ġenitur li jaħdem jiġi mċaħħad b'mod ġenerali mil-leave parentali tiegħu minħabba l-fatt li l-mara tiegħu ma taħdimx. Tali dispożizzjoni tmur kontra l-għan segwit mil-leġiżlatur tal-Unjoni u speċifikat fil-Ftehim qafas li l-ġenituri jingħataw intitolament individwali għal-leave parentali.

42. Id-dispożizzjoni Griega lanqas ma tista' tkun ibbażata b'mod partikolari fuq il-punt 3 tal-klawżola 2 tal-Ftehim qafas, li jħalli l-istabbiliment tal-"kondizzjonijiet ta' l-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni" tal-leave parentali f'idejn l-Istati Membri. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tippermettix lill-Istati Membri jeskludu kompletament lil wieħed mill-ġenituri mil-leave parentali iżda tieħu essenzjalment inkunsiderazzjoni, billi tippreżenta numru ta' eżempji, l-interessi leġittimi tal-organizzazzjoni professjonali tal-*persuni li jimpjegaw*, liema interessi għandhom jiġu bbilanċjati mal-għoti tal-leave parentali. Minn dan ma jirriżultax li attività professjonali tal-mara hija kundizzjoni meħtieġa għall-intitolament għad-dritt għal-leave parentali.

43. L-interpretazzjoni mogħtija mill-Gvern Elleniku lid-Direttiva lanqas ma tista' tkun iġġustifikata fid-dawl tal-prevenzjoni tal-abbuż ta' dritt. Huwa minnu li bħala prinċipju huwa rrikonoxxut li l-abbuż ta' dritt permezz ta' pożizzjonijiet legali bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni għandu jkun jista' jiġi eliminat [26]. Huwa wkoll possibbli li ġenitur ma jużax il-leave parentali tiegħu sabiex jieħu ħsieb il-wild u għalhekk ikun qiegħed jabbuża minn dan id-dritt. Madankollu, mit-talba għal deċiżjoni preliminari ma tista' tinstilet ebda indikazzjoni li l-missier tal-wild jixtieq juża l-leave parentali għal xi għan ieħor għajr dak irrikonoxxut fil-Ftehim qafas.

44. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-klawżola 2 tal-Ftehim qafas dwar il-leave parentali implementat permezz tad-Direttiva dwar il-leave parentali jipprekludi dispożizzjoni li tipprovdi li mħallef raġel ma huwiex intitolat għal-leave parentali meta l-mara tiegħu ma tkunx taħdem jew ma tkun teżerċita ebda professjoni, sakemm din ma tkunx tista' taqdi l-bżonnijiet relatati mat-trobbija tal-wild minħabba mard sejru jew diżabbiltà.

C – *Fuq id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament*

45. Jifdal li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' jekk id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament tipprekludix id-dispożizzjoni nazzjonali.

46. Din id-direttiva għandha l-għan li timplementa, fl-Istati Membri, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-kuntest tax-xogħol. Għal dan il-għan, id-Direttiva tipprojbixxi kemm id-diskriminazzjoni diretta u kemm dik indiretta bbażata fuq is-sess. L-Artikolu 14(1)(ċ) tagħha jipprojbixxi b'mod partikolari kull diskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

47. Fir-rigward tal-applikabbiltà tad-Direttiva anki għall-imħallfin, jista' jsir riferiment għall-evalwazzjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-leave parentali [27], u għandu jiġi evalwat jekk id-dispożizzjoni Griega inkwistjoni, li tikkonċerna dispensa mix-xogħol permezz tal-intitolament għal-leave parentali u għalhekk kundizzjonijiet tax-xogħol fis-sens tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament, toħloqx diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess.

26 — Ara, b'mod analogu, is-sentenza Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, EU:C:2006:544, punti 34 sa 38).

27 — Ara l-punti 33 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

48. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(3) tal-Liġi dwar l-uffiċjali pubbliċi jagħti lil missier il-wild id-dritt għal-leave parentali biss fil-każ li l-mara tiegħu jew tkun taħdem hija stess jew ma tkunx f'pożizzjoni li tieħu ħsieb il-wild minħabba problemi ta' saħħa, meta limitazzjoni simili fir-rigward tal-intitolament għal-leave parentali ma hijiex prevista fir-rigward ta' omm il-wild.

49. Peress li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi limitazzjoni espliċita fir-rigward tal-għoti tal-leave parentali lil missier il-wild biss, din tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sens fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva [28].

50. Din id-diskriminazzjoni ma tistax tiġi ġġustifikata bis-saħħa tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament, li jipprovdi li din id-direttiva għandha tkun bla ħsara għal dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tat-tqala u tal-maternità. Id-dispożizzjoni Griega inkwistjoni ma taqax taħt din ir-regola peress li ma tagħtix protezzjoni partikolari lill-mara minħabba t-tqala u l-maternità iżda, għall-kuntrarju, iċċaħħad lir-raġel tagħha mid-dritt għal-leave parentali.

51. Id-dispożizzjoni Griega lanqas ma tikkostitwixxi miżura pożittiva sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament. B'mod partikolari, ma jistax jingħad li l-limitazzjoni tal-leave parentali għad-detriment tal-missier tista' tkun adegwata sabiex, b'mod li jiffavorixxi lin-nisa, jiġi eliminat jew imnaqqas in-nuqqas ta' ugwaljanza li effettivament jeżisti. Għall-kuntrarju, ikompli jippersisti l-perikolu li, bis-saħħa ta' tali dispożizzjoni, tissaħħaħ is-separazzjoni tradizzjonali tar-rwoli fi ħdan il-familja u li jkun iktar diffiċli għall-mara li tidħol fil-ħajja tax-xogħol jew li tirritorna lejn din il-ħajja. Barra minn hekk, fil-premessa 11 tagħha, id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament tistipula preċiżament li l-Istati Membri għandhom jimplementaw arranġamenti li jippermettu l-kombinazzjoni tal-familja u tax-xogħol fil-forma ta' leave parentali għaż-*żewġ* ġenituri, mingħajr ma hija prevista ebda distinzjoni fuq il-bażi tas-sess.

52. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament jirreferi espliċitament għad-Direttiva dwar il-leave parentali, li d-dispożizzjonijiet tagħha ma għandhomx jiġu affettwati mid-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament. Minn dan isegwi li intitolament għal-leave personali rrikonoxxut lill-missier bis-saħħa tad-Direttiva dwar il-leave parentali ma jistax jisfa' fix-xejn minħabba d-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament u għalhekk ma tista' tiġi identifikata ebda ġustifikazzjoni għal tali diskriminazzjoni diretta.

53. Għaldaqstant, bħala konklużjoni jista' jingħad li anki l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża.

V – **Konklużjoni**

54. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari kif ġej:

Il-klawżola 2 tal-Ftehim qafas dwar il-leave parentali implementat permezz tad-Direttiva 96/34 u l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/54 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li mħallef raġel ma huwiex intitolat għal-leave parentali meta l-mara tiegħu ma tkunx taħdem jew ma tkun teżerċita ebda professjoni, sakemm din ma tkunx tista' taqdi l-bżonnijiet relatati mat-trobbija tal-wild minħabba mard sejru jew diżabbiltà.

28 — Ara s-sentenza Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648, punti 46 u 56).